

Brussell, 5 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9416/25
ADD 1

LIMITE

ACP 33
WTO 48
RELEX 657
COAFR 110
FDI 14

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Direttivi ta' negozjati għan-negozjati mar-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju għal ftehim għall-faċilitazzjoni tal-investment sostenibbli

Direttivi ta' negozjati għan-negozjati mar-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju għal ftehim għall-faċilitazzjoni tal-investment sostenibbli

I. OBJETTIVI, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U PRINĊIPJI EWLENIN

1. L-għan tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") mar-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju għandu jkun li tinholq klima tan-negozju aktar attraenti, trasparenti u prevedibbli sabiex jiġu ffaċilitati, jissaħħu u jiġu stimulati investimenti sostenibbli ta' benefiċċju reċiproku.
2. L-oġġettiv ġenerali ta' dan il-Ftehim għandu jkun li jtejjeb il-mobilizzazzjoni, l-attrazzjoni, l-espansjoni u ż-żamma ta' investimenti diretti barranin bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju, speċjalment għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, abbażi ta' regoli, miżuri u proċeduri moderni u simplifikati bbażati fuq prinċipji ta' imparzjalità, ftuħ, trasparenza u stabbiltà.
3. Dan il-Ftehim għandu jkun komprensiv u ambizzjuż, iqis l-eżitu tan-negozjati tad-WTO dwar il-Ftehim dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investment għall-Iżvilupp, u l-isfidi speċifiċi għall-iżvilupp li taffaċċja r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju. Fil-prinċipju, dan il-Ftehim għandu japplika għas-setturi ekonomiċi kollha u jinkludi ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-investimenti, inkluż l-attivitajiet qabel, matul u wara l-istabbiliment.
4. Dan il-Ftehim għandu jkollu l-għan li jiżgura l-kundizzjonijiet it-tajba biex l-investment dirett barrani jwassal għal żvilupp sostenibbli, filwaqt li jippreserva l-kapaċità tal-Partijiet li jirregolaw l-attività tal-investituri fit-territorji rispettivi tagħhom.
5. Dan il-Ftehim għandu jiffoka fuq l-investment dirett barrani bl-esklużjoni ta' forom oħra ta' investment, bħal movimenti tal-kapital għal żmien qasir jew investimenti tal-portafoll. Dan il-Ftehim ma għandux joħloq obbligi ġodda, jew jimmodifika obbligi eżistenti, dwar il-protezzjoni tal-investimenti, is-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat jew il-kundizzjonijiet ta' aċċess preferenzjali għas-suq, u ma għandux ikopri rekwiżiti proċedurali għad-dħul u s-soġġorn temporanju ta' persuni fiżiċi għal skopijiet ta' negozju.

II. KONTENUT PROPOST TAR-REGOLI U L-IMPENJI

6. Dan il-Ftehim għandu jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar kwistjonijiet bħal:

- It-titjib tat-trasparenza, il-prevedibbiltà u l-koerenza ta' miżuri relatati mal-investment (inkluż, fost l-oħrajn, il-pubblikazzjoni elettronika u d-disponibbiltà ta' miżuri ta' applikazzjoni ġenerali u l-qafas legali applikabbli għall-investment; l-opportunità li jsiru kummenti dwar abbozzi ta' miżuri regolatorji, informazzjoni dwar inċentivi ta' investment);
- Is-simplifikazzjoni u t-tħaffif tal-proċeduri u r-rekwiżiti amministrattivi, kif ukoll l-iżgurar ta' governanza tajba fil-proċeduri ta' awtorizzazzjoni (inkluż, fost l-oħrajn, il-proċeduri amministrattivi u r-rekwiżiti ta' dokumentazzjoni; l-użu ta' applikazzjonijiet f'format elettroniku; il-perjodi ta' żmien u l-perjodi għas-sottomissjoni u l-amministrazzjoni tal-applikazzjonijiet; l-istandards ta' governanza tajba fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet; it-trasparenza fil-ħlas tat-tariffi; il-mekkaniżmi tat-tip "punt uniku ta' servizz/tieqa unika" għall-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni);
- It-tisħiħ tal-partekipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati (inkluż, fost l-oħrajn, punti fokali biex iservu bħala l-ewwel punti ta' kuntatt għall-inkjesti tal-investituri; ir-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati; il-mekkaniżmi għall-prevenzjoni tat-tilwim u għas-soluzzjoni tal-problemi; il-valutazzjonijiet tal-impatt; il-koordinazzjoni domestika bejn l-aġenziji; ir-rabtiet bejn l-investituri barranin u l-ekonomija ospitanti);
- Il-kontribut għall-iżvilupp sostenibbli u l-investment responsabbli (inkluż, fost l-oħrajn, il-promozzjoni u l-infurzar ta' standards, regoli u impenji rilevanti maqbula internazzjonalment dwar ix-xogħol, l-ambjent u l-klima; l-impenn għal strumenti rilevanti rikonoxxuti internazzjonalment dwar imġiba responsabbli fin-negozju; id-djalogu u l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet tax-xogħol, ambjentali u klimatiċi relatati mal-investment ta' interess reċiproku; l-implimentazzjoni ta' konvenzjonijiet u prinċipji internazzjonali ewlenin għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu, il-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa);

- L-iffaċilitar tas-sostenibbiltà tal-investimenti fil-ktajjen tal-valur u s-setturi ta' interess reċiproku (b'mod partikolari s-settur tal-kawkaw, abbażi tal-impenji stabbiliti fl-Inizjattiva dwar il-Kawkaw Sostenibbli u l-Pjan Direzzjonali dwar il-Kawkaw Sostenibbli, bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat aktar l-investment fil-kawkaw sostenibbli u traċċabbli);
 - it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bilaterali dwar modi kif jiġi ffaċilitat l-investment u tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim (inkluż, fost l-oħrajn, il-bini tal-kapaċitajiet mmirat lejn it-titjib tal-klima tal-investment u l-assistenza fl-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, inkluż d-dispożizzjonijiet dwar l-iżvilupp sostenibbli; l-arranġamenti istituzzjonali għas-sorveljanza tal-implimentazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u tal-aħjar prattiki; il-medjazzjoni u mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn Stat u ieħor).
-